CCT/331/11/S

<u>Saverina Farrugia</u>
<u>Vs</u>
<u>Charichelon Company Limited</u>

Illum 16 ta'Novembru,2015.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Saverina Farrugia datata 12 t'Awwissu,2011 ipprezentata fit-2 ta'Lulju,2015 u r-risposta tas-socjeta Charichelon Company Limited ipprezentata fid-19 t'Ottubru,2011 kif ukoll ir-risposta ulterjuri tal-istess socjeta pprezentata fis-7 ta'Mejju,2013;

Ra d-dokumenti pprezentati, u t-trattazzjoni maghmula fis-seduta tas-16 t'Ottubru,2015;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda mawra fil-Germanja fejn ir-rikorrenti qed tallega li l-post fejn intbaghtu, kien differenti minn dak fejn riedu jmorru;

Illi jinghad mal-ewwel li dan il-kaz ma kellux ghalfejn jiehu daqshekk zmien biex jigi deciz;

Fis-16 t'April,2015 quddiem it-Tribunal kif presedut, il-partijiet inghataw zmien biex iressqu l-provi taghhom u l-kaz gie differit ghat-trattazzjoni;

Illi kopja tal-verbal tas-seduta tas-16 t'April,2015 gie mibghut u notifikat lir-rikorrenti li minn naha taghha baqghet ma pprezentat xejn;

Illi s-socjeta intimata pprezentat l-'affidavits' tax-xhieda taghha;

Illi hu principju ben stabbilit li "min jallega jrid jipprova" u dan fuq l-istreqwa tal-massima "*incumbit probation ei qui dicat non ei qui negat*" kif spjegat fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) tat-13 ta'Jannar,1999 fl-ismijiet "<u>Gemma Cassar Saetta vs Imco Distributors Limited</u>";

Illi t-Tribunal ihoss li l-ilment tar-rikorrenti mhuwiex gustifikat partikolarment minhabba li dan ma giex ippruvata bl-ebda mod hlief ghal dak li hemm imnizzel fit-talba;

Illi kien jinkombi lir-rikorrenti li tipprova l-kaz taghha u dan it-Tribunal ihoss li ma sarx fil-kaz in ezami;

Illi inoltre, jirrizulta li l-itinerarju gie konfermat fil-'booking form' li sahansitra hu intitolat "Package to Black Forest" u ghalhekk kien jinkombi fuq ir-rikorrenti li ticcekkja ezattament fejn riedet tmur u d-distanzi relattivi;

Illi fir-rigward tal-eccezzjoni tas-socjeta intimata li r-rikorrenti m'ghandhiex l-interess guridiku necessarju, din qed tigi michuda *stante* li jidher car mid-dokumenti pprezentati li r-rikorrenti kienet se ssiefer ma' zewg persuni ohra u li t-tlitt persuni flimkien huma msemmija fil-'booking form' (Dok VG1);

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jichad

it-talba tar-rikorrenti Saverina Farrugia u Jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta intimata Charichelon Company Limited, b'kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru